**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Frar, 2002

**Numru 2**

**Avviz. numru 1083/01JR**

**Antoine Agius Limited**

**vs**

**Joseph Fenech Soler u Gloria Borg jew min minnhom**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u hdax-il lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm1211.48), rapprezentanti bilanc fuq il-valur ta' prodotti ta' hxejjex u frott mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenut jew min minnhom, liema hlas baqa' ma sarx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-istess konvenuti;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' zewg ittri ufficjali datati 27 ta' Gunju, 2001, u interessi kummercjali mid-data tal-konsenja relattiva sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta, pero` deher id-difensur tal-konvenut Fenech Soler.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta` attrici fl-20 ta' Novembru, 2001, li biha l-ammont gie ridott b'mija tnejn u disghin lira Maltija erbgha u erbghin centezmu (Lm192.44) imhallsa fil-mori tal-kawza.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni ulterjuri prezentata fis-7 ta' Frar, 2002, li biha l-ammont tat-talba gie ridott ghall-erba' mija sitta u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm426.61) stante pagament iehor fil-mori tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Rachel Montebello ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li ghad hemm l-ammont ta' erba' mija sitta u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm426.61) dovuti bhala bilanc.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija sitta u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm426.61) bl-interessi kummercjali mit-28 ta' Settembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' zewg ittri ufficjali datati 27 ta' Gunju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**